

# Messaġġ tal-Għaqda Każini tal-Banda



**J. C. Azzopardi**

L-Għaqdiet u s-Soċjetajiet tal-Banda kienu u għadhom punt importanti fil-komunità tagħna anke jekk illum, fi żminijietna, minħabba diversi raġunijiet, din l-importanza naqset xi ftit. Madankollu meta wieħed jirrifletti, jirrealizza kemm għadhom, matul is-sena kollha b'mod partikolari fil-festi jagħmlu ħafna xogħol fuq bażi volontarja għall-ġid tal-bliet u l-irħula tagħna. Dan l-involviment kontinwu tagħna għandu jkun wieħed imsejjes fuq rispett reċiproku għal kull min huwa involut speċjalment fil-festi tagħna għaliex dawn huma mhux biss espressjoni reliġjuża imma wkoll waħda kulturali u tradizzjoni tal-poplu tagħna. Mhijiex ħaġa ta' ġid li bħala Għaqda jew Soċjetà tħossha li hija inferjuri lejn xi ħadd jew lejn xi entità oħra. Huwa dritt li hija tħoss li hija ugwali għal kull min għandu xi sehem fl-organizzazzjoni tal-festa iżda bl-obbligu li tirrispetta dak li jiġi deċiż minn kull min huwa involut. Huwa importanti li kull Għaqda u Soċjetà tagħraf li l-aġir tagħha huwa dejjem taħt skrutinju u għalhekk irridu nuru kemm aħna serji f'dak li nkunu qegħdin nagħmlu.

Irridu nuru li filwaqt li ngħożżu t-tradizzjonijiet tagħna, nafu wkoll naġġornaw irwieħna mingħajr ma ninsew minn fejn bdejna u kemm impenjaw irwieħhom missirijietna biex l-Għaqda jew is-Soċjetà hi li hi llum. Huwa proprju għalhekk li rridu noqogħdu attenti li ma nħallux min jipprova jkisser ix-xogħol siewi li jsir anke minn dawk li jagħtu l-impressjoni li għandhom għal qalbhom l-Għaqdiet u s-Soċjetajiet tal-Banda.

Huwa ferm importanti li wieħed ifakkar li kull Soċjetà jew Għaqda hija parti mis-sistema edukattiva ta' pajjiżna għaliex it-tagħlim, li jsir mingħajr ħlas, speċjalment dak tal-mużika, huwa fih innifsu formazzjoni edukattiva mhux formali li tgħin biex membru tal-komunità jkattar l-intelliġenza tiegħu u anke sens ta' dixxiplina. Barra minn hekk it-tagħlim tal-mużika fih innifsu jgħin mhux biss biex jitkattar l-apprezzament lejn il-mużika imma anke terapija għas-saħħa.

Fl-Għaqdiet u fis-Soċjetajiet isir ħafna ġid, jekk dawn jitmexxew kif jixraq u jirriflettu l-veru sens ta' dixxiplina, integrità u kontabilità. Dawn huma tliet pilastri biex l-Għaqdiet u s-Soċjetajiet ikomplu jikbru u hekk ikunu ta' eżempju lill-komunità. Ma' dawn wieħed iżid is-solidarjetà għaliex, meta tingħata l-għajnuna lil min ikollu bżonn anke jekk tkun Għaqda jew Soċjetà oħra, il-ġid li jkun qed isir ikollu effett li jitwessa' u jgħin biex il-ħidma tkompli tinfirex.

Għalhekk, filwaqt li nawgura l-festa t-tajba, infakkar biex l-impenn tal-Għaqda jew tas-Soċjetà jkun wieħed matur u dixxiplinat biex bil-prattika tintwera r-rieda li l-festa tkompli tikber b'mod moderat u mingħajr esaġerazzjonijiet, kemm mil-lat reliġjuż kif ukoll mill-aspett kulturali u tradizzjonali tagħha.

IMPERIAL BAND CLUB MELLIEĦA

*Ħeġġu lil uliedkom jitgħallmu l-Mużika mal-Banda Imperial*